**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar 2001

Citazzjoni numru 480/97 AJM

Kawza numru

Maurice Meli Bugeja, f'ismu proprju u bhala kuratur ta' l-interdetta Antonia Meli Bugeja u Gladys mart Alfred Sant Fournier u l-istess Alfred Sant Fournier bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti mal-imsemmija martu u anke bhala kuratur tal-imsemmija interdetta Antonia Meli Bugeja

Vs

Francis Vella u il-Kummissarju tal-Pulizija u r-Registratur tal-Qrati ghal kull interess li jista' jkollha.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-4 ta' Marzu 1997 li permezz taghha l-atturi wara li pprmettew li fl-iljieli ta' bejn il-15 u s-16 ta' Marzu u bejn il-25 u

s-26 ta' Marzu 1993 l-atturi soffrew serqiet ta' diversi oggetti mobili li taghhom huma l-proprjetarji u dana mil-fond maghruf bhala "Il-Palazz" Wardija, limiti ta' San Pawl l-Bahar; illi dawn l-oggetti li l-lista taghhom tinsab hawn annessa bhala dokument A, gew misjuba mill-Pulizija fil-pussess tal-konvenut Francis Vella, li elevathom flimkien ma oggetti ohra proprjeta' ta' terzi u llum jinsabu ezebiti fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Daniel Gatt) vs Francis Vella" Qorti ta' l-Appell Kriminali Diff. 13.03.97 – u huma mizmuma taht l-awtorita' tal-konvenut Registratur tal-Qrati fl-edificju tal-Qorti; illi l-konvenut Francis Vella gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bir-reat ta' serq jew ricettazzjoni tal-oggetti li gew misruqin minghandhom u permezz ta' sentenza moghtija fis-26 ta' Ottubru 1992, 'inter alia' gie misjub hati ta' l-istess akkuzi mill-istess Qorti, pero' appella mill-istess sentenza u l-appell ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u jinsab differit ghas-sentenza ghat-13 ta' Marzu 1997; u billi l-atturi jixtiequ jiehdu lura l-oggetti mobili imsemmija proprjeta' taghhom; talbu li din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi illi l-oggetti mobili kollha ndikati fl-anness dokument 'A' u dawk l-oggetti l-ohra li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, huma ta' proprjeta' eskluziva tal-atturi;
2. tordna lill-istess konvenuti sabiex jikkonsenjaw lura lill-atturi l-imsemmija oggetti mobili.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru tallum stess fl-ismijiet premessi u tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Jannar 1997 kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu mharrkin ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lill-atturi skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebiti mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenut Francis Vella presentata fit-23 ta' Jannar 1998 li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici kif diretti kontra tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi hu la seraq u lanqas kien ricettatur, izda dejjem akkwista skond il-ligi u in buona fede.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut Vella.

Rat in-nota tal-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u r-Registratur tal-Qrati presentata fit-2 ta' Frar 1998 li permezz taghha eccepew:-

1. L-inkompetenza ta' din il-Qorti biex tiddecidi fuq it-talbiet ta' l-atturi billi jinsabu ghaddejjin proceduri kriminali kontra Francis Vella fejn hemm esebit quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali l-oggetti mitluba mill-atturi, kif del resto jirrizulta anke mill-kontenut tac-citazzjoni ta' l-atturi.
2. L-intempestivita' ta' l-azzjoni stante li ghandhom ghaddejjin proceduri kriminali kontra l-konvenut l-iehor Francis Vella u kwindi l-oggetti reklamati mill-atturi ghadhom taht l-awtorita' tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.
3. Illi huma ma humiex il-legittimi kontraditturi f'din l-azzjoni u ghandhom jigu liberati mil-osservanza tal-gudizzju.
4. Illi fil-mertu t-talbieta ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-dikjarazzjoni ta' dawn iz-zewg konvenuti u l-lista tax-xiehda taghhom.

Rat ukoll in-nota ta' eccezzjonijiet tal-Registratur tal-Qrati presentata fis-27 ta' Frar 1998 li pero' din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni taghha billi giet presentata fuori termine.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-10 ta' Marzu 1998 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tl-24 ta' April 1998 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat il-provi kollha prodotti u hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fl-1983 l-atturi kienu soggett ta' zewg serqiet li graw fil-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Bahar mill-proprjeta' taghhom maghrufa bhala "Il-Palazz". Fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Marzu insterqu minn din il-proprjeta' diversi sopra mobili filwaqt li fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 tal-istess xahar insterqu diversi pitturi u ghamara.

Wara l-ewwel serqa l-pulizija kienu gew ordnati mill-Magistrat inkwerenti sabiex jiehdu ritratti tal-kmamar tal-fond tal-atturi minn fejn kienu ittiehdu l-effetti mobbli. Ghalhekk meta saret it-tieni serqa l-awtorita' gudizzjarja kellhom stampa cara ta' x'seta' naqas fit-tieni okkazzjoni.

L-atturi ppresentaw lista indikata bhala Dok A u annessa mac-citazzjoni fejn elenkaw l-oggetti kollha li huma jghidu li rrikonoxxew bhala

taghhom wara li saret is-sejba fir-residenza tal-konvenut Francis Vella. L-atturi kienu gew mitluba, bhala ma gara fil-konfront ta' diversi persuni ohra li kienu rrapportaw serqiet ta' affarijiet ta' antikwarjat, fidda u affarijiet affini, sabiex jattendu fil-Headquarters tal-Pulizja l-Furjana ghal identifikazzjoni tal-oggettita' proprjeta' taghhom. Eventwalment l-oggetti elevati minnghand il-konvenut Vella gew ezebiti fl-atti tal-proceduri kriminali li ittiehdu kontra l-istess Vella.

Il-lista ezebita mill-atturi bhala Dokument A, ghalkemm tati deskrizzjoni tad-diversi oggetti li l-atturi jghidu li huma ta' proprjeta' taghhom, ma ghandha ebda relazzjoni mal-lista li giet preparata mill-ufficjali tal-Pulizija waqt l-inkjesta. Kien ghalhekk, u billi qed issir oggezzjoni mill-konvenut Vella dwar it-titolu tal-atturi fir-rigward tal-oggetti imsemmija fid-Dokument A, illi din il-Qorti b'digriet tat-3 ta' Mejju 2000 ghal meta l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza, ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tal-istess u fl-istess hin ordnat lill-atturi sabiex isir l-ezercizzju opportun biex jkun hemm korelazzjoni bejn id-dokument A u l-lista tal-pulizija. Dan effettivament sar billi b'nota ppresentata mill-atturi fis-17 ta' Novembru 2000 dawn ippresentaw lista gdida, bazata fud-dokument A u li turi ir-referenza ghall-kull partita skond il-lista tal-pulizija.

Il-konvenut Vella naturalment, anke minhabba l-proceduri kriminali li ghadhom pendenti, jichad kategorikament li huwa ippartecipa f'xi serqa mill-fond ta' l-atturi u li l-effetti indikati mill-atturi humata' proprjeta' tieghu. Infatti fil-konkluzzjoni ta' affidavit tieghu (Dok XX2 fol 85 tal-process) jghid espressament hekk:
"Jiena ghalhekk niddikjara bil-gurament illi l-oggetti indikati mill-atturi li huma taghhom kif ukoll l-oggetti kollha l-ohra li jinsabu maqbudin taht

l-Awtorita' ta' l-Qorti huma kollha proprjeta' tieghi ghaliex xtrajthom matul iz-zmien kif xehed aktar 'il fuq.

"Jiena niddikjara illi qatt ma ersaqt lejn ir-residenza ta' l-atturi. Jiena lanqas biss naf ezatt fejn joqghodu u sirt naf l-indirizz taghhom mic-citazzjoni. Niddikjara inoltre illi l-attrici jiena qatt ma kellimtha u iltqajt maghha l-ewwel darba meta telghet tixhed quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-atti tal-kawza kriminali."

Illi in kuntrarju ta' din id-dikjarazzjoni tal-konvenut Vella ghandna x-xhieda ta' Anna Meli Bugeja li iddikjarat bla tlaqliq li gharfitu meta dan kien, abbusivament, attenda, flimkien ma diversi gabillotti ghall-festin li l-istess Anna Meli Bugeja kienet tat fir-residenza taghha gewwa l-Wardija fil-festa ta' Santa Marija tas-sena 1982. Ukoll hemm ix-xhieda tas-Supretendent Daniel Gatt li kien l-ufficjal li investiga lill-istess Vella wara li dan ingieb id-Depot tal-Pulizija li l-istess Vella kien ammetta mieghu f'diversi okkazzjonijiet "*li hafna mill-affarijiet li kienu gew elevati mil-Pulizija kienu gew akkwistati mhux bis-sewwa.*" Huwa minnu li din d-dikjarazzjoni mhux necessarjament tammonta ghall-ammissjoni ta' serq izda certament wiehed jinferixxi minnha li l-oggetti elevati jew hafna minnhom ma kienux gew fil-pussess ta' Vella b'mod regolari kif donnu jrid jaghti lil din il-Qorti x'tifhem fix-xhieda dettaljata tieghu moghtija b'affidavit.

Ma hemmx dubbju, ghalanqas din il-Qorti hija konvinta f'dan is-sens, li l-konvenut Vella huwa persuna li ghal diversi snin kienet tinnegozja f'antikwarjat billi jixtri min u jbieh lil diversi persuni. Infatti dan jidher mid-diversi ricevuti li gew ezebiti kif ukoll x-xhiedali ressaq l-istess Vella u dan apparti l-istess xhieda tieghu. B'dana kollu l-konvenut Vella ma irnexxiela jressaq ebda prova konkreta fir-rigward tal-aoggetti

reklamati mill-atturi bhala taghhom u dejjem tkellem b'mod generiku ghal dak li huwa negozju tieghu. Ghal kuntrarju l-atturi identifikaw bhala taghhom l-oggett elenkati fil-lista Dokument A u li dawn kienu, in parti, l-oggett ta' zewg serqiet li saret mir-residenza taghhom. Din il-Qorti konfrontata b'dawn iz-zewg verzjonijiet tasal biex tikkonkludi li dak li qeghdin jghidu l-atturi huwa l-veru – dan mhux biss minhabba l-provi skjaccanti li resqu fir-rigward (apparti dak li ser jinghad fil-konfront ta' xi items individwali) izda billi jidher li oltre l-atturi, kien hemm massa kbira ta' nies ohra (skond s-Supretendent Gatt *madwar mija*) li marru d-Depot biex jirrikonoxxu, kif fil-fatt ghamlu, l-oggetti ta' proprjeta' taghhom li kienu gew elevati minghand il-konvenut Vella. Din il-prova wahdeha turi li ma ghandux jinghata affidament ghax-xhieda ta' l-istess konvenut Vella.

Dan stabbilit tibqa'l-kwistjoni sollevata mid-difensur tal-konvenut Vella waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Qed jinghad li kif inhi mpostata it-talba principali ta' l-atturi u cioe li jigi dikjarat minn din il-Qorti "*li l-oggetti mobili kollha indikati fl-anness dokument A u dawk l-oggetti l-ohra li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, huma ta' proprjeta' eskluziva ta' l-atturi*" titfha l-pis tal-prova ta' proprjeta' fuq l-istess atturi. U ghalhekk, gialadarba hemm konflitt bejn dak li qed jghidu l-atturi u dak li qed jghidu diversi persuni ohra, senjatament issemmew ta' Ellis u ta' Testaferrata Bonici, fis-sens li uhud mill-oggetti indikati fid-dokument A huma taghhom, tonqos l-prova konklusiva tat-titolu ta' l-atturi u ghalhekk din it-talba, u konsegwentement it-talbiet sussegwenti ma jistghux jigu milqugha.

Din is-sottomissjoni taghmel sens billi ma jistax jkun hemm izjed minn proprjetarju wiehed dikjarat bhala tali ghall-istess oggett. Izda wara ezami

li sar minn din il-Qorti ta' dak li qed jinghad mill-konjugi Testaferrata u dak li qed jinghad mill-konjugi Ellis fir-rigward ta' l-oggetti lilhom misruqa u minnhom reklamati jirrizulta s-segwenti:-

a) Testaferrata Bonici:

Skond nota presentata mill-konvenut Vella fl-atti tal-kawza Citazz numru 730/94 AJM fl-ismijiet Ian Ellis et vs Francis Vella et, u l-lista maghha annessa, indikata bhala Dok XX1 (fol 166 et sequitur tal-imsemmi process) ghal-liema l-partijiet ghamlu piena referenza, jirrizulta li ebda wiehed mill-oggetti reklamati mill-atturi odjerni u inkluzi fil-lista Dok A, ma gew reklamati mill-familja Testaferrata Bonici.

b) Familja Ellis.

Mil-lista ta'oggetti reklamati mill-familja Ellis fil-proceduri fuq imsemmija istitwiti minnhom, paragunata mal-lista Dok A f'dawn il-proceduri, jidher li hemm biss hames items li huma reklamati ukoll mill-atturi odjerni u cioe DG-7, DG-35, DG-42, DG-44, u DG-61. Hemm ukoll l-item DG-85 reklamat miz-zewg kontendenti biss mid-deskrizzjoni tal-oggetti paragunati mal-lista tal-pulizija jidher li l-oggett in kwistjoni fil-lista tal-familja Ellis ma jirriflettix dak li hemm indikat bhala oggett misruq kontra id-denominazzjoni DG-85 fil-lista tal-pulizija. In effetti is-*"set of ten pieces of copper (Bombli)* jgiebu n-numru DG-84.

Illi mil fuq espost jidher li ghalkemm s-sottomissjoni tal-konvenut ghandha fondament din hija limitata fl-applikazzjoni taghha ghal dawk il-hames oggetti reklamati mill-familja Ellis. Naturalment din il-Qorti ma tistax, fic-cirkostanzi, tilqa' t-talbiet attrici fir-rigward ta' dawn il-hames items stante ukoll li l-konjugi Ellis mhux parti f'din il-kawza u ghalhekk ma tistax tigi ezaminata sewwa l-pretensjoni ta' kull parti.

Illi fir-rigward tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti l-ohra u cioe l-Kummissarju tal-Pulizija u r-Registratur tal-Qorti l-unika prova li tresqet kienet fis-sens li l-proceduri kontra Francis Vella ghadhom mhux konkjuzi billi l-appell interpost minnu wara s-sentenza tas-26 ta'Ottubru 1992, ghadu pendenti.

Illi dwar il-kompetenza ta' din il-Qorti qed jinghad minn dawn iz-zewg konvenuti lidin il-Qorti mhiex kompetenti billi jinsabu ghaddejjin proceduri kriminali kontra Francis Vella fejn jinsabu esebiti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali l-oggetti mitluba mill-atturi.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti ma tikkondividix l-preokkuppazzjoni tal-konvenuti billi t-talba principali fil-proceduri odjerni hija wahda dikjaratorja fejn din il-Qorti qeghedha tintalab sabiex tiddecidi li l-oggetti elenkati fid-dokument A jappartjenu lill-atturi. Il-proceduri kriminali u dawk civili huma distinti u separati u ma hemm xejn li jzomm lill-atturi biex jintavolaw din il-kawza fil-mori ta' proceduri kriminali li, wara kollox ma jikkoncernawx lilhom hlief indirettament, sabiex jottjenu dikjarazzjoni li huma proprjetarji ta' oggetti li jinsabu ezebiti f'dawk il-proceduri. Il-kwistjoni jekk tista' din il-Qorti tordna l-kundanna tal-konvenuti ghall-konsenja tippresenta aspetti ohra ta' natura legali izda s-semplici dikjarazzjoni ta' proprjeta' certament tentra fil-kompetenza ta'din il-Qorti.

L-oggetti mertu ta' din il-kawza certament ma jinstabux fil-pussess tal-konvenuti billi dawn huma "ezebiti" fi proceduri kriminali. Ghalhekk proprjament l-konvenuti ma jistghux jigu kkundannati jikkonsenjaw haga li ma hijiex fil-pussess taghhom. F'dan is-sens it-tieni talba attrici hija intempestiva billi l-oggetti hekk dikjarati ta' pertinenza ta' l-atturi jistghu

biss jigu kkonsenjati lilhom wara d-debiti proceduri kriminali jigu konkjuz. Pero' din il-Qorti thoss li l-presenza fil-kawza tal-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u r-Registratur tal-Qorti kienet mehtiega billi eventwalment kull talba li tista' ssir mill-atturi odjerni wara li jigu determinati l-proceduri kriminali, tigi notifikata lilhom, wiehed bhala d-depositant u l-iehor bhala r-ricevitur ta' dawk l-oggetti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi (a) tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Francis Vella, (b) tichad l-ewwel, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u Registratur tal-Qorti, u (c) filwaqt li tilqa' it-tieni eccezzjoni taghhom u cioe dik tal-intempestivita' limitatament ghat-tieni talba attrici, tiddikjara u tiddecidi li l-atturi huma proprjetarji tal-oggetti kollha elenakti fil-lista annessa Dokument A, kif ahjar dettaljata fil-lista Dokument AMB presentata fis-17 ta' Novembru 2000, hlief ghal dawk l-oggetti indikati bhala DG-7, DG-35, DG-42, DG-44 u DG-61, dwar liema mhux sejra tippronunzja ruhha billi hemm talbiet konfliggenti minn fuqhom minn terzi persuni li ma humiex f'din il-kawza, u tirrizerva kull dritt spettanti lill-atturi si et quatenus fuq dawn l-oggetti. Fl-ahharnett tichad it-tieni talba attrici billi intempestiva.

Li spejjes fic-cirkostanzi ghandhom jithallsu hekk – dawk li jikkoncernaw l-ewwel talba attrici mill-konvenut, u dawk li jikkoncernaw it-tieni talba attrici mill-atturi.

Onor Imhallef Albert J. Magri